



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 17.2.2012
COM(2012) 40 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-evalwazzjoni tal-finanzi tal-Unjoni fuq il-bażi tar-risultati miksuba

{SWD(2012) 4 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-evalwazzjoni tal-finanzi tal-Unjoni fuq il-bażi tar-riżultati miksuba

1. RIMARKI PRELIMINARI

Dan huwa l-ewwel rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew (PE) u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tal-finanzi tal-Unjoni fuq il-bażi tar-riżultati miksuba, skont l-Artikolu 318 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-Artikolu 318 tat-TFUE jistipula li l-Kummissjoni għandha:

“tippreżenta wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' valutazzjoni tal-finanzi tal-Unjoni bbażat fuq ir-riżultati miksuba b'mod partikolari fir-rigward tal-indikazzjonijiet mogħtija mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 319.”

L-Artikolu 319 tat-TFUE jistipula li l-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, għandu jagħti rilaxx lill-Kummissjoni rigward l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. L-Artikolu jistipula wkoll li, filwaqt li jagħmlu hekk, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jeżaminaw il-kontijiet, id-dikjarazzjoni finanzjarja u r-rapport ta' valutazzjoni tal-Artikolu 318 tat-TFUE, kif ukoll ir-rapport annwali mill-Qorti tal-Awdituri u r-risposti tal-istituzzjonijiet għall-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri, u l-istqarrija ta' assigurazzjoni rigward l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti meħtieġa skont l-Artikolu 287 tat-TFUE.

Il-Kummissjoni qiegħda teżamina modi biex tallinja r-rapporti meħtieġa taħt il-proċeduri differenti b'kunsiderazzjoni dovuta għaż-żminijiet u l-kopertura differenti tal-ħidma ta' evalwazzjoni u rilaxx tal-baġit u biex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tax-xogħol, kif spjegat aktar f'dan ir-rapport. Dan se jjer ikun proċess progressiv, li kull sena jibni fuq l-esperjenza tas-snin preċedenti. Sa mill-proċedura ta' rilaxx tal-2011, il-Kummissjoni se timmira li tadotta r-rapport ta' evalwazzjoni minn nofs Novembru ta' kull sena.

2. INTRODUZZJONI

Wieħed mill-karatteristiċi ewlenin tal-Artikolu 318 TFUE huwa li r-rapport ta' evalwazzjoni jiffoka fuq il-finanzi tal-Unjoni mill-perspettiva tar-riżultati miksuba mill-programmi rilevanti.

Biex tikkontribwixxi għal din l-istima tar-riżultati u l-impatti ġenerali, il-Kummissjoni tagħmel evalwazzjonijiet matul u wara t-tlestija tal-programmi finanzjarji differenti sabiex tanalizza safejn il-programmi jkunu laħqu l-għanijiet tagħhom u biex tkejjel l-impatt tal-programmi fuq is-soċjetà.

L-implimentazzjoni tal-programmi għib magħha tisħiħ tal-kapaċitajiet inizjali u jistgħu jkunu meħtieġa bosta snin sabiex il-pass tal-bidla jikseb is-saħħa u l-veloċità, bir-riżultat li n-nefqa titqassam fuq bosta snin. L-impatti fit-tul jimmaterjalizzaw biss maż-żmien u mhux bilfors fuq bażi uniformi jew annwali regolari.

Sabiex ikunu jistgħu jinħarġu konklużjonijiet tajba, huwa importanti wkoll li l-evalwazzjoni tar-riżultati u t-teħid ta' deċiżjonijiet sussegwenti jkunu bbażati fuq xejriet tad-dejta minflok fuq settijiet individwali ta' ċifri. Hemm it-tendenza li informazzjoni suffiċjenti u affidabbli dwar ir-riżultati u l-impatti ta' programmi speċifiċi ssir disponibbli biss bosta snin wara t-tlestija tal-programm kollu.

B'kuntrast, il-proċess għar-rilaxx tan-nefqa annwali taħt il-baġit tal-UE huwa proċess speċifiku mfassal biex jipproduċi riżultat definittiv fuq in-nefqa ta' kull sena. Huwa proċess li jsegwi skeda stabbilita li tippermettilu li jitlesti għal kull sena tan-nefqa sa Mejju tat-tieni sena sussegwenti. Minbarra dan, il-proċess tar-rilaxx tal-baġit fil-passat iffoka l-aktar fuq il-legalità u r-regolarità, għalkemm issa qiegħda tiġi żviluppata perspettiva aktar wiesgħa.

Għalhekk, ma hemm l-ebda rabta diretta bejn, fuq naħa, iż-żmien u l-kopertura tal-evalwazzjonijiet tal-programmi finanzjarji u r-rilaxx tan-nefqa annwali fuq in-naħa l-oħra. L-indikazzjonijiet mogħtija mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill b'rabta mal-proċedura għar-rilaxx finanzjarju għan-nefqa mġarrba f'sena partikolari spiss jistgħu ma jkunux relatati mal-fażi tal-programm finanzjarju u r-riżultati tal-evalwazzjoni maħruġa f'dak iż-żmien jew madwar l-istess perjodu.

Diġà hemm ħafna tagħrif dettaljat disponibbli dwar il-valutazzjoni tar-riżultati u l-impatti ta' programmi finanzjarji differenti tal-UE permezz ta' evalwazzjonijiet u Valutazzjonijiet tal-Impatt individwali u permezz tar-Rapporti Annwali tal-Attività¹, ir-Rapport ta' Sintesi tal-Kisbiet tal-Ġestjoni, id-Dikjarazzjonijiet ta' Attività² u r-rapport ta' segwitu għar-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjoni tar-Rilaxx, li kollha huma ppubblikati fuq bażi annwali. Barra minn hekk, ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Artikolu 318 TFUE ma għandux jiduppjika x-xogħol ta' valutazzjoni magħmul kif meħtieġ mill-atti bażiċi li jistabbilixxu l-Programmi tal-UE.

Għalhekk, il-Kummissjoni qieset jekk ir-rapport ta' evalwazzjoni għandux sistematikament ikopri l-programmi kollha kull sena jew pjuttost f'kull sena biss dawk il-programmi li għalihom tkun saret disponibbli biżżejjed informazzjoni rilevanti u ġdida. Jekk jiġu koperti l-programmi kollha ffinanzjati mill-UE minn sena għal sena jkun hemm ir-riskju li jinħarġu riżultati ferm estensivi u mhux iffokati, b'xi

¹ Kull Direttur Ġenerali/Kap tas-Servizz għandu jissottometti lill-istituzzjoni tiegħu Rapport Annwali tal-Attività flimkien ma' tagħrif finanzjarju u tal-ġestjoni. Dan ir-rapport jagħti rendikont tal-kisbiet tal-oġġettivi politiċi ewlenin u tal-attivitajiet prinċipali tad-Direttorat Ġenerali jew tas-Servizz filwaqt li jqis ir-riżorsi korrispondenti użati

² Id-Dikjarazzjonijiet ta' Attività jipprovdu l-elementi ewlenin ta' ġustifikazzjoni għal-livell ta' riżorsi mitluba mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit (DB) tagħha. Huma jinkludu dettalji tar-riżorsi (umani u finanzjarji) allokat i għal kull Attività, kif ukoll l-oġġettivi, l-indikaturi u l-outputs assoċjati. Il-kisbiet ewlenin u r-riżultati tal-evalwazzjoni huma inklużi wkoll. Għalhekk, jiġġustifikaw id-DB tal-Kummissjoni f'termini ta' tagħrif dwar il-prestazzjoni (oġġettivi, indikaturi, riżultati tal-evalwazzjoni u outputs), jiġifieri, juru x'benefiċċji hemm għall-benefiċjarji tal-programmi tal-UE.

grad ta' repetizzjoni tat-tagħrif li jkun jinsab f'rapporti preċedenti għal dawk il-programmi fejn ma tkun seħħet l-ebda evoluzzjoni importanti sa mill-aħħar rapport. Enfasi aktar ċara u aktar b'saħħitha tirriżulta minn rapporti li fil-mira tagħhom ikollhom numru limitat ta' programmi kull sena, li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-importanza ta' kull programm u d-disponibbiltà ta' riżultati ta' evalwazzjoni riċenti, filwaqt li jiżguraw li tkun koperta firxa wiesgħa ta' setturi finanzjarji fit-terminu medju.

Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u sabiex jinbada dan il-proċess ġdid ta' rapportar, il-Kummissjoni ddeċidiet li f'dan ir-rapport tiffoka fuq għażla minn fost l-oqsma ta' politika. Ir-rapport ikopri żewġ oqsma ta' politika: Edukazzjoni u Kultura, u Riċerka. Jidher li dawn l-oqsma huma l-aktar xierqa għal dan l-ewwel rapport peress li jikkontribwixxu għall-miri prinċipali u l-inizjattivi ewlenin tal-UE 2020³. Huma jinvolve ammont importanti tan-nefqa, kważi EUR 8 biljun fl-2010. Barra minn hekk, huma eżempji importanti ta' politiki implimentati fuq bażi ċentralizzata, u mhux fuq bażi maqsuma mal-Istati Membri. Fis-snin futuri, il-Kummissjoni beħsiebha tkopri l-programmi finanzjarji ewlenin implimentati fuq bażi ċentralizzata jew skont ġestjoni maqsuma jew deċentralizzata, fejn kull sena tkopri għażla differenti minn oqsma bħall-Politika Reġjonali jew xi wieħed mill-Fondi Strutturali oħra, l-Intrapriża, it-Tassazzjoni, l-Enerġija, il-Mobilità u t-Trasport jew is-Soċjetà tal-Informazzjoni.

Barra minn hekk, id-disponibbiltà tar-riżultati ta' evalwazzjoni riċenti f'dawn iż-żewġ oqsma trendihom xierqa sabiex jiġu koperti, anki jekk il-materjal ta' evalwazzjoni riċenti jkun disponibbli din is-sena għal diversi programmi finanzjarji minħabba l-preparazzjonijiet li għaddejjin għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali l-ġdid. Fi snin oħra, id-disponibbiltà tar-riżultati riċenti tal-evalwazzjoni se tvarja, billi l-evalwazzjonijiet huma pprogrammati kemm jista' jkun biex jappoġġjaw it-teħid tad-deċiżjonijiet. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qiegħda tagħmel hiliha sabiex tallinja aħjar l-arranġamenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni maċ-ċiklu tal-ipprogrammar, li jfisser li aktarx li sejjer ikun hemm aktar evalwazzjonijiet disponibbli għat-tħejjija ta' proposti ġodda u inqas evalwazzjonijiet fis-snin l-oħra.

Skont l-Artikolu 318 TFUE, l-eżaminar taż-żewġ oqsma ta' politika magħżula kellu jiġi marbut mar-rakkomandazzjoni tar-rilaxx tal-2009, jiġifieri mat-talbiet li saru mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill rigward dawk l-oqsma. Madankollu, l-Awtorità tar-Rilaxx ma tat l-ebda indikazzjonijiet partikolari rigward l-eżiti tal-politika tal-Edukazzjoni u l-Kultura u r-Riċerka fir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-2009.

Fit-taqsimiet li ġejjin, ir-rapport l-ewwel jidentifika programmi koperti u mbagħad jiġbor fil-qosor ir-rwol u l-għanijiet kurrenti tagħhom. It-tieni, huwa jħares lejn ir-riżultati riċenti tal-evalwazzjoni li ġew maħruġa, li b'mod ġenerali jkopru sa fejn il-programmi kkontribwew għall-oġettivi tagħhom u pproduċew l-impatti mistennija. Peress li l-programmi għadhom għaddejjin, dan ir-rapport jippreżenta l-konklużjonijiet ewlenin dwar il-progress miksub sa issa. Fl-aħħar nett, jirreferi wkoll għall-evalwazzjonijiet ta' programmi preċedenti sabiex jagħti stampa raġonevolment sħiħa u koerenti. Lista ta' dokumentazzjoni ta' referenza hija pprovduta fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal meħmuż.

³ COM(2010)2020 finali

3. EDUKAZZJONI U KULTURA

3.1. Introduzzjoni

Il-qasam ta' politika Edukazzjoni u Kultura għandu l-oġġettivi ġenerali li ġejjin.

- (1) Iżid il-livell u r-relevanza tal-ħiliet li jikkontribwixxu għall-eċċellenza u l-ekwità u jaġġmel il-mobilità possibbli għal kull student u riċerkatur żagħżuġh.
- (2) Irawwem il-kreattività, jippromwovi d-djalogu interkulturali u r-rikkezza kulturali u lingwistika u jibni l-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi tal-ekonomija kreattiva.
- (3) Isaħħaħ il-parteċipazzjoni, is-solidarjetà u l-iskambji bejn il-persuni, filwaqt li jiffoka fuq iż-żgħażaġh.
- (4) Jikkopera ma' pajjiżi jew reġjuni msieħba madwar id-dinja jew organizzazzjonijiet internazzjonali għall-promozzjoni tal-valuri Ewropej madwar id-dinja, u sabiex jissaħħu l-kuntatti bejn il-persuni.
- (5) Il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja (LLP), l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), l-Azzjonijiet Marie Curie (fil-programm FP7 Nies), Żgħażaġħ Attivi, il-programm Kulturali u MEDIA 2007 huma l-istrumenti finanzjarji ewlenin applikati għall-kisba tal-oġġettivi ġenerali, b'baġit totali ta' kważi EUR 14-il biljun għall-2007-2013. B'dan il-mod, jikkontribwixxu wkoll għal bosta inizjattivi ewlenin tal-aġenda Ewropa 2020 (Żgħażaġħ Mobbli, Aġenda għal Ħiliet u Impjiegi ġodda, Unjoni tal-Innovazzjoni, Aġenda Diġitali, u Pjattaforma kontra l-Faqar) u sabiex isir progress fil-miri ewlenin tal-Ewropa 2020 fil-qasam tal-edukazzjoni⁴.

Il-valur miżjud tal-programmi jinsab fil-karattru tranżnazzjonali tal-attivitajiet tagħhom, li jkomplu jżidu mal-azzjonijiet nazzjonali jew reġjonali. Barra minn hekk, l-azzjoni Ewropea tiżgura tixrid usa' tar-riżultati, u dan jista' jikkontribwixxi għal teħid ta' deċiżjonijiet aktar informat madwar l-Unjoni u lil hinn.

3.2. Tagħlim Tul il-Ħajja

Il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja (LLP) huwa ffurmat minn ħames programmi settorjali:

- (1) Comenius (edukazzjoni primarja u sekondarja)
- (2) Erasmus (edukazzjoni għolja/terzjarja)
- (3) Leonardo da Vinci (edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali)

⁴ Tnaqqis tan-numru ta' persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien għal inqas minn 10% ta' dawk bejn it-18 u l-24 sena sal-2020 (naqas minn 17,6% fis-sena 2000 għal 14,4% fl-2009); żieda fin-numru ta' gradwati mill-edukazzjoni terzjarja għal tal-inqas 40% ta' dawk bejn it-30 u l-34 sena sal-istess data (żieda minn 22,4% fis-sena 2000 għal 32,3% fl-2009).

- (4) Grundtvig (edukazzjoni għall-adulti)
- (5) Transversal u Jean Monnet (li jappoġġjaw attivitajiet trażversali, bħall-koperazzjoni ta' politika u l-innovazzjoni).

L-LLP jappoġġja l-mobilità għall-istudenti u l-persunal fis-settur tal-edukazzjoni mis-setturi kollha tal-edukazzjoni sabiex iqattgħu żmien jitgħallmu fis-sistema edukattiva ta' Stat Membru ieħor. B'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020, l-oġettiv ġenerali huwa li tingħata kontribuzzjoni għall-iżvilupp tal-UE bħala soċjetà avvanzata tal-ġharfien, bi żvilupp ekonomiku sostenibbli, aktar impjiegi ta' kwalità aħjar u koeżjoni soċjali akbar.

L-evalwazzjoni interim⁵ tal-2011 sabet li l-LLP, b'mod ġenerali huwa effettiv meta jindirizza l-ħtiġijiet tas-setturi indirizzati. Instab li l-azzjonijiet imwettqa jgħibu valur miżjud ċar għall-attivitajiet nazzjonali. Jew il-programm huwa identifikat bħala wieħed li jikseb il-biċċa l-kbira tal-oġettivi tiegħu jew inkella huwa indikat li l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-eżiti juru li huwa ferm probabbli li sejjer jikseb dawn l-oġettivi. Barra minn hekk, il-gruppi ewlenin li għalihom huwa maħsub qegħdin jintlaħqu. Il-programm huwa meqjus bħala wieħed li jtejjeb il-ħiliet, l-adattabilità u l-impjegabbiltà tal-istudenti, u jsaħħaħ it-trasparenza u l-effiċjenza tas-swieq tax-xogħol. Huwa jtejjeb l-iżvilupp professjonali għall-membri tal-persunal, filwaqt li jtejjeb l-effettività tal-edukazzjoni Ewropea.

Barra minn hekk, f'termini ta' riżultati interim, 2,4 miljun student ibbenefikaw mill-Programm Erasmus sa mill-1987, u dan minn punt ta' tluq baxx, u b'mira ta' 3 miljun student sal-2013. Il-valur tas-suq ta' dan it-tip ta' skambju huwa kkonfermat minn aktar minn 40% tal-dawk li jħaddmu li jqisu li l-gradwati b'esperjenza internazzjonali għandhom ħiliet oġhla minn dawk mingħajr esperjenza internazzjonali. Aktar minn 40 000 membru tal-persunal tal-università bbenefikaw mill-istess programm kull sena.

B'mod simili, skont l-evalwazzjoni interim tal-LLP, aktar minn 77 000 persuna bbenefikaw mill-mobilità tal-istudenti u l-għalliema appoġġjata mis-subprogramm Leonardo da Vinci. 85% tal-parteċipanti fil-mobilità ta' Leonardo da Vinci jgħidu li l-esperjenzi prattiċi ta' taħriġ tagħhom kienu ta' benefiċċju għall-karriera tagħhom.

L-evalwazzjoni interim tindika li l-LLP wera l-valur miżjud tiegħu f'termini ta' tkabbir tad-dimensjoni Ewropea fit-tagħlim f'kull qasam u subprogramm tiegħu. Il-programm ta' edukazzjoni għolja, Erasmus, juri valur miżjud tal-UE⁶ li jista' jitkejjel li jmur lil hinn minn "ispiranti" jew "influwenti".

B'mod ġenerali, huwa konkluż li l-effiċjenza u l-effettività tal-LLP huma tajbin u li l-oġettivi għadhom rilevanti. Is-sejbiet ta' problemi fl-implimentazzjoni huma dovuti l-aktar għal fatturi esterni negattivi bħan-nuqqas ta' ġharfien lingwistiku fost il-

⁵ Evalwazzjoni interim tal-Programm Tagħlim Tul il-Ħajja (2007-2013), 2011 http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/evalreports/education/2011/llpreport_en.pdf

⁶ Għal aktar tagħrif dwar il-valur miżjud tal-UE, ara SEC(2011)867: Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni - Il-valur miżjud tal-baġit tal-UE - li jakkumpanja d-dokument COM(2011)500: Baġit għall-Ewropa 2020)

parteċipanti potenzjali. Is-subprogramm Erasmus huwa dak li jindirizza dan bl-aktar mod dirett.

Madankollu, skont is-sejbiet tal-evalwazzjoni interim, hemm ukoll indikazzjonijiet ċari li l-prestazzjoni tas-subprogrammi differenti hija żbilanċjata u li l-livell ta' ambizzjoni tal-oġettivi huwa sproporzjonat għall-fondi allokat f'ċerti sitwazzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tas-subprogramm Comenius. In-numru ta' oġettivi speċifiċi u operazzjonali huwa kbir wisq, u dan jista' jħalli influwenza negattiva fuq in-natura diġà frammentata tal-LLP. Barra minn hekk, uħud mill-oġettivi speċifiċi għandhom nuqqas ta' rabta ċara mal-oġettivi ġenerali u l-oġettivi jissovrapponu lil xulxin f'bosta każijiet. Dawn is-sejbiet ipprovdew kontribuzzjoni kritika għad-disinn simplifikat tal-programm propost "Erasmus għal Kulħadd".

3.3. Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija

Fil-mira tiegħu, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija stabbilit riċentement għandu l-integrazzjoni tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-prijoritajiet tiegħu huma t-trasferiment ta' attivitajiet ta' innovazzjoni fit-tul għal applikazzjonijiet kummerċjali, b'mod partikolari permezz ta' impriżi li għadhom kif jifih u impriżi spin-off.

L-ewwel Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KIC) appoġġjati mill-EIT, iżda b'75% tal-baġit tal-KIC li ġej minn sorsi oħra ta' finanzjament, bdew jaħdmu fl-2010. L-ewwel evalwazzjoni kkonfermat li l-EIT laħaq l-oġettivi operazzjonali ewlenin tiegħu fil-fażi tal-bidu, għad li b'xi dewmien minħabba l-kumplessità inerenti tiegħu⁷.

Madankollu, l-evalwazzjoni osservat ukoll li f'dan l-istadju bikri fl-iżvilupp tiegħu, l-EIT għadu qiegħed jaħdem lejn il-kisba tal-oġettiv li jsir mudell ta' referenza. Għadu jrid jikseb livell suffiċjenti ta' esperjenza u kompetenza fil-funzjonijiet tiegħu. Instab ukoll li tista' titjieb il-parteċipazzjoni ta' universitajiet u ċentri ta' innovazzjoni rinomati mad-dinja kif ukoll ir-relazzjoni komplimentarja bejn l-EIT u programmi oħra tal-UE. Il-proċess u l-kriterji għall-għażla tal-atturi li jieħdu sehem tista' tiġi ċċarata. Dawn is-sejbiet tal-evalwazzjoni kkontribwixxew għall-proposta riċenti tal-Kummissjoni għall-emendar tar-regolament EIT (Regolament (KE) Nru 294/2008) u sejjer jitħejja Pjan ta' Azzjoni bħala reazzjoni għar-riżultati tal-evalwazzjoni.

3.4. Azzjonijiet Marie Curie⁸

L-azzjonijiet Marie Curie għall-appoġġ tal-mobilità u t-taħriġ għar-riċerkaturi huma ffinanzjati permezz tal-Programm Speċifiku "Nies" taħt is-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka. L-Evalwazzjoni Interim riċenti tal-FP7 kkonkludiet li l-Programm Nies jidher li rnexxa sa issa u li l-azzjonijiet meħuda huma strutturati u bbilanċjati sew. L-azzjonijiet jistabbilixxu punt ta' riferiment importanti għall-kundizzjonijiet tax-xogħol

⁷ Evalwazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-innovazzjoni, 2011: http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/evalreports/education/2011/eitreport_en.pdf

⁸ Minkejja li l-azzjonijiet Marie Curie huma parti mill-Programm Nies iffinanzjat mis-Seba' Programm ta' Qafas, dawn huma inklużi fil-qasam ta' politika tal-Edukazzjoni u l-Kultura skont in-nomenklatura tal-ABB u għalhekk huma rrapportati f'din is-sezzjoni.

u l-istandards ta' impjeg tar-riċerkaturi tal-UE. Huwa rakkomandat li ma jiġux introdotti skemi ta' appoġġ ġodda għas-snin li jifdal tal-FP7.

3.5. Żgħażaġħ Attivi

Fil-qafas tal-istrateġija Ewropa 2020, il-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni (YiA) għandu l-għan li jippromwovi opportunitajiet għall-mobilità ta' taġlim transkonfinali, l-impjegabbiltà kif ukoll l-iżvilupp personali u l-ispirtu ta' intraprenditorija taż-żgħażaġh u l-ħaddiema żgħażaġh. Skont l-evalwazzjoni interim tal-YiA, mill-2007, aktar minn 500,000 persuna żagħżuġha jew ħaddiem żagħżuġh ħadu sehem fi proġetti appoġġjati mill-programm⁹. Sal-2011, ingħataw aktar minn 130 000 ċertifikat ta' opportunità ta' taġlim mhux formali tal-Youthpass, li jiddokumentaw aħjar il-ħiliet imtejba maħsuba sabiex iżidu l-impjegabbiltà.

L-Evalwazzjoni Interim tikkonferma l-valur miżjud tal-programm. Huwa meqjus li tgħin liż-żgħażaġh li għandhom inqas opportunitajiet, karatteristika unika meta mqabbla ma' programmi oħra. 95% taż-żgħażaġh li jieħdu sehem iquis li tgħallmu jikkomunikaw aħjar ma' persuni li jtkellmu lingwa oħra u 66% jemmnu li l-possibilitajiet ta' impjeg taġghom żdiedu grazzi għall-esperjenza tal-proġett kofinanzjat. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni u l-istħarriġ ta' monitoraġġ riċenti¹⁰ jikkonfermaw li l-programm huwa effettiv sabiex iħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażaġh fis-soċjetà.

Madankollu, instab ukoll li numru kbir wisq ta' objettivi u azzjonijiet itellef il-fokus u l-koerenza interna tal-programm. Il-qafas tal-programm uniku "Erasmus għal Kulħadd" tal-ġejjieni jipprovd i opportunità għar-riorganizzazzjoni u r-reviżjoni tal-objettivi attwali sabiex irendihom aktar konsistenti u koerenti.

3.6. Kultura

Il-programm Kultura jippromwovi l-mobilità transkonfinali ta' dawk li jaħdmu fis-settur kulturali, jinkoraġġixxi ċ-ċirkolazzjoni tranżnazzjonali tal-prodott kulturali u artistiku, u jrawwem id-djalogu interkulturali.

Il-valur miżjud essenzjali tal-Programm huwa l-kontribuzzjoni tiegħu għal għarfien akbar tal-eżistenza ta' wirt komuni Ewropew, djalogu interkulturali, is-salvagwardja u l-promozzjoni tad-diversità u r-rikkezza tal-kulturi Ewropej, u l-promozzjoni tal-mobilità tranżnazzjonali ta' professjonisti fl-arti u l-kultura u x-xogħlijiet taġghom. F'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020, is-setturi kulturali u kreattivi appoġġjati mill-azzjoni tal-UE (eż. Bliet Kapitali Ewropej tal-Kultura, it-traduzzjoni tal-finzjoni, Premji tal-UE, eċċ) jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, il-ħolqien tal-impjiegi, l-iżvilupp lokali u reġjonali, u l-inklużjoni soċjali.

Fl-2010 biss, kważi 20 000 artist u ħaddiem kulturali ċċaqalqu minn Stat Membru għal ieħor permezz ta' proġetti ta' koperazzjoni tranżnazzjonali u diversi eluf ta'

⁹ Evalwazzjoni interim tal-programm Żgħażaġħ Attivi, 2011
http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/evalreports/youth/2011/interimreport_en.pdf

¹⁰ Stħarriġ ta' monitoraġġ tal-YiA:
http://ec.europa.eu/youth/focus/doc/monitoring_survey/report_monitoring_survey_2011.pdf

xogħlijiet iċċirkolaw fi ħdan l-UE minħabba l-appoġġ ipprovdut. Dan ipprova lil miljuni ta' Ewropej b'aċċess għal xogħlijiet kulturali Ewropej; pereżempju, madwar 25 miljun ruħ żaru aktar minn 22 600 sit miftuħ għall-pubbliku fl-2010 fil-Ġranet tal-Wirt Ewropew ikkofinanzjati mill-programm.

Skont l-Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu, il-programm għandu rwol uniku li jstimula l-koperazzjoni transkonfinali, jipromwovi l-qsim tat-tagħlim bejn l-esperti u l-professjonalizzazzjoni tas-settur, sabiex jiżdied l-aċċess taċ-ċittadini Ewropej għal xogħlijiet mhux nazzjonali ta' oriġini Ewropea¹¹.

Madankollu, l-evalwazzjoni kkonkludiet ukoll li hemm hteġa li jiġu adattati t-tliet objettivi speċifiċi tal-programm attwali għall-ħtiġijiet reali tal-promoturi tal-proġetti. L-esperjenza bil-proġetti ta' koperazzjoni turi wkoll problema ċara dwar kif għandhom jinftehm, jiġu artikolati u promossi l-objettivi tal-programm. Fil-ġestjoni tal-programm stess, għad hemm spazju għal titjib ulterjuri f'xi aspetti tas-sistemi ta' informazzjoni li jappoġġjaw il-programm. Grazzi għal dawn it-tagħlimiet, il-proposta tal-Kummissjoni għall-programm ta' qafas futur Ewropa Kreattiva tipprova tagħmel l-adattamenti meħtieġa sabiex jintlaħqu l-isfidi li bħalissa qegħdin jiġu affaċċjati mis-setturi kulturali u kreattivi fl-Ewropa.

3.7. MEDIA 2007

B'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020, l-objettiv ewlieni tal-programm MEDIA huwa li jsaħħaħ il-kompetittività tas-settur awdjoviżiv Ewropew. Il-programm jappoġġja t-taħriġ u n-netwerking għall-professjonisti u l-iżvilupp u ċ-ċirkolazzjoni transkonfinali ta' films u xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej. Il-Fond ta' Garanzija tal-Produzzjoni MEDIA l-ġdid jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament għall-kumpaniji ta' produzzjoni awdjoviżiva Ewropej. MEDIA Mundus jappoġġja l-koperazzjoni bejn il-professjonisti mill-UE u pajjiżi terzi.

Il-Kummissjoni tqis li, grazzi għall-effett ta' ingranaġġ tal-Fond ta' Garanzija tal-Produzzjoni MEDIA, aktar minn EUR 100 miljun se jrinjgħataw f'self lil produtturi ta' films. Kull sena jiġu appoġġjati madwar 300 film ġdid mill-iskema ta' Żvilupp MEDIA, u dawk appoġġjati taħt l-iskema ta' Distribuzzjoni MEDIA jirrappreżentaw 50% tal-films Ewropej murija fiċ-ċinema. Euro wieħed investit mill-programm MEDIA 2007 huwa stmat li jwassal għall-iġġenerar ta' EUR 6 minn sorsi ta' finanzjament privat b'multiplikatur ta' 14 fil-finanzjament tas-settur tas-swali taċ-ċinema.

L-Evalwazzjoni Interim ta' MEDIA 2007 tikkonkludi li l-programm qiegħed jikseb l-objettiv ewlieni tiegħu. Huwa jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-promozzjoni tad-diversità kulturali fl-Ewropa. Għet affermata l-effettività tal-azzjonijiet kofinanzjati u ġie kkonfermat il-valur miżjud li dan iġib għall-interventi nazzjonali. L-evalwazzjonijiet disponibbli għal MEDIA Plus u MEDIA 2007 wrew li dawn il-

¹¹ Evalwazzjoni interim tal-Programm Kultura (2007-2013), 2011
http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/evalreports/culture/2010/progreport_en.pdf

programmi kkontribwew għal produzzjoni aktar bilanċjata ta' xogħlijiet awdjoviżivi minn pajjiżi Ewropej li għandhom kapaċità ta' produzzjoni awdjoviżiva li tvarja¹².

Madankollu, l-evalwazzjoni interim ikkonkludiet ukoll li hemm effettività baxxa fl-appoġġ tal-programm MEDIA għax-xandir u għall-iżvilupp ta' xogħol interattiv online u offline. Filwaqt li qegħdin isiru sforzi sabiex jiġi adattat il-programm MEDIA, f'ċerti sitwazzjonijiet, il-modalitajiet tradizzjonali ta' intervent tal-programm ma jippermettulux li jilħaq il-ħtiġijiet li kontinwament jinbidlu ta' dan is-settur. Il-Kummissjoni pproponiet sabiex tirrimedja għal din is-sitwazzjoni fil-qafas tal-programm “Ewropa Kreattiva” tal-ġejjieni.

4. RIĊERKA¹³

4.1. Introduzzjoni

B'konformità mat-Trattat, l-istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattiva ewlenija Unjoni tal-Innovazzjoni¹⁴, hemm tliet objettivi ġenerali għall-politika Ewropea tar-riċerka:

- (1) L-iżvilupp ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni.
- (2) Il-mobilizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-isforzi ta' riċerka u innovazzjoni fuq skala xierqa sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali, bħat-tibdil fil-klima, l-effiċjenza fl-enerġija u fl-użu tar-riżorsi, is-saħħa u t-tixjiħ tal-popolazzjoni.
- (3) It-tisħiħ tal-bażi ta' għarfien u l-kisba ta' eċċellenza fir-riċerka fl-Ewropa.

Is-Seba' Programm ta' Qafas (FP7) huwa l-għodda politika ewlenija tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka b'baġit totali ta' aktar minn EUR 50 biljun¹⁵.

L-FP7 jinvesti f'riċerka mill-aktar avvanzata u ta' livell internazzjonali u jippromwoviha. L-FP7 qiegħed jiġi implimentat permezz ta' erba' programmi speċifiċi: Koperazzjoni, Ideat, Nies¹⁶ u Kapaċitajiet.

Il-Programm Speċifiku '**Koperazzjoni**' jipprovdi fondi għal proġetti ta' riċerka kollaborattivi mwettqa minn konsorzji tranżnazzjonali tal-industrija u l-akkademja organizzati f'għaxar temi: is-Saħħa; l-Ikel, l-Agrikoltura u s-Sajd, il-Bijoteknoloġija;

¹² Evalwazzjoni interim tal-Programm MEDIA 2007, 2010: http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/evalreports/culture/2010/media_en.pdf

Évaluation finale des programmes MEDIA Plus et MEDIA Formation, 2007: http://ec.europa.eu/culture/media/programme/docs/overview/evaluation/reports/media%20plus/rapport_finale_m_plus.pdf

¹³ Din is-sezzjoni tiffoka fuq l-attivitajiet ta' riċerka inklużi fit-titolu 8 'Riċerka' tal-Baġit Ġenerali. L-attivitajiet fis-Seba' Programm ta' Qafas li huma parti minn oqsma ta' politika oħra skont in-nomenklatura tal-ABB mhumix inklużi.

¹⁴ SEC(2010)1161

¹⁵ Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013), ĠU L 412/2006

¹⁶ Il-kisba tal-objettivi tal-Azzjonijiet Marie Curie hija rrapportata taħt il-parti Edukazzjoni u Kultura peress li mill-2010, dan il-Programm huwa amministrat mid-DĠ EAC

it-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni; in-Nanoteknoloġija, in-Nanoteknoloġiji, il-Materjali u t-Teknoloġiji ta' Produzzjoni ġodda; l-Enerġija; l-Ambjent (inkluż it-Tibdil fil-Klima); it-Transport (inkluż l-Ajrunawtika); ix-Xjenzi Soċjoekonomiċi u l-Istudji Umaniċi; l-Ispazju; is-Sigurtà¹⁷.

Il-Programm Speċifiku **'Ideat'** jipprovdi finanzjament għal individwi u t-timijiet tagħhom impenjati f'riċerka fil-fruntieri tal-għarfien f'oqsma ġodda ta' avvanz xjentifiku u teknoloġiku. Il-programm huwa implimentat mill-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (KER). L-ERC ġiet stabbilita bil-għan tat-tisħiħ tal-eċċellenza, id-dinamiżmu u l-kreattività, kif ukoll biex tagħmel l-Ewropa aktar attraenti għall-aħjar proġetti ta' riċerka mmexxija mir-riċerkaturi.

Il-Programm Speċifiku **'Kapaċitajiet'** jiffinanzja azzjonijiet li huma mfassla sabiex itejbu l-infrastruttura Ewropea għar-riċerka u l-kapaċità ta' riċerka tal-SMEs. Jinkorpora wkoll programmi iżgħar relatati max-Xjenza fis-Soċjetà, ir-Reġjuni tal-Għarfien, il-Potenzjal ta' Riċerka, il-Koperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp Koerenti tal-Politiki ta' Riċerka.

Għall-ewwel erba' snin tal-FP7 (2007 sa 2010), 245 sejħiet konklużi rċevew 59 140 proposta¹⁸, li jinvolvu madwar 312 600 applikant. Minn dawn, kważi 12 500 proposta li jinvolvu madwar 69 300 parteċipant kienu aċċettati għan-negożjati dwar l-iffinanzjar, b'kontribuzzjoni totali korrispondenti mill-UE prevista ta' EUR 20,4 biljun¹⁹.

Fl-2010, 35% tal-parteċipanti fi proposti miżmuma ġew mis-settur tal-Edukazzjoni Ogħla u Sekondarja, u għalhekk prinċipalment minn universitajiet. 27% tal-parteċipanti kienu ġejjin mill-industrija, u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka kienu jirrappreżentaw 24% oħra tal-parteċipanti.

Il-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċjali għall-iffinanzjar għall-SMEs taħt il-Programm Speċifiku Koperazzjoni, skont il-mira korrispondenti ta' 15% fid-Deċiżjoni FP7²⁰. Meta wieħed jiffoka fuq il-parteċipazzjoni tal-SMEs fit-temi tal-Programm ta' Koperazzjoni, f'it aktar minn 14% tal-baġit tal-Programm ta' Koperazzjoni qed imur għand l-SMEs. Bis-sejħiet dedikati għall-SMEs skedati taħt il-Programmi ta' Ħidma 2011 u 2012, il-mira ta' 15% għandha tintlaħaq qabel tmiem il-FP7 fl-2013.

Il-karattru internazzjonali qawwi tal-FP jidher ċar mill-fatt li 169 pajjiż huma involuti fl-attivitajiet tal-FP7.

¹⁷ Partijiet mill-Programm Koperazzjoni (Spazju u Sigurtà) huma amministrati mid-DĠ Intrapriża, filwaqt li d-DĠ INFSO huwa responsabbli mill-parti tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni

¹⁸ Numri bbażati fuq il-proposti eliġibbli u li ma jinkludux proposti fl-ewwel stadju fil-każ ta' sejħiet b'żewġ stadji.

¹⁹ Dawn iċ-ċifri u dawk fit-tliet paragrafi li ġejjin huma meħuda minn: *Ir-Raba' Rapport ta' Monitoraġġ tal-FP7 - Rapport ta' Monitoraġġ 2010*: http://ec.europa.eu/research/evaluations/index_en.cfm?pg=fp7-monitoring

²⁰ L-għan huwa li jiġi żgurat li mill-inqas 15% tal-finanzjament tal-programm imur għall-SMEs.

L-FP7 huwa fis-seħħ mill-2007 sal-2013. L-evidenza ppreżentata hawnhekk hija bbażata fuq l-Evalwazzjoni Interim tal-FP7, li twettqet fl-2010, u fuq l-evalwazzjoni ex-post tal-FP6 – li hi kemmxejn aktar estensiva – li ġiet ippreżentata fl-2009.

4.2. Programmi ta' Qafas 6 u 7

Ir-rapport ta' evalwazzjoni ex-post tal-FP6 jirrikonoxxi l-Programm ta' Qafas bħala mekkaniżmu b'saħħtu għall-ixprunar tar-riċerka u l-iżvilupp fl-Ewropa li seta' jseħħ biss permezz ta' azzjoni fil-livell Ewropew. L-attivitajiet taħt l-FP6 huma identifikati li ġġeneraw valur miżjud Ewropew, ikkontribwixxew b'mod ġenerali lejn kompetittività industrijali akbar, iġġeneraw esternalitajiet tan-netwerk, u saħħew l-infrastruttura tal-għarfien fl-Ewropa²¹.

B'mod aktar speċifiku, iżda li xorta waħda jikkonċerna l-prestazzjoni tal-programm ġenerali, l-FP6 ġie identifikat li inkluda proġetti tal-ogħla kalibru, li jinvolvu riċerkaturi tal-aqwa kwalità u konsorzji ġestiti tajjeb. Dawn ikkontribwixxew għall-mobilità mtejbja tar-riċerkaturi u l-internazzjonalizzazzjoni tat-timijiet ta' riċerka. Dan għen lill-Ewropa sabiex ittejjeb il-kapaċità tagħha sabiex twettaq riċerka kompetittiva fuq livell internazzjonali fuq il-fruntieri tax-xjenza u t-teknoloġija u fl-oqsma ta' riċerka ta' importanza soċjali u industrijali.

Rigward oqsma li jeħtieġ li jittejbu, il-mira ta' 40% ta' parteċipazzjoni tan-nisa għadha l-bogħod milli tintlaħaq, billi n-nisa jiffurmaw biss madwar 30% tal-ħaddiema fil-qasam tar-riċerka madwar l-UE. In-nisa huma rappreżentati saħansitra inqas fl-aktar pożizzjonijiet għolja, anki jekk dan huwa mistenni jitjeb gradwalment maż-żmien.

Barra minn hekk, minkejja l-importanza rikonoxxuta tal-parteeipazzjoni kemm ta' kumpaniji kbar kif ukoll ta' SMEs fir-riċerka sabiex tonqos id-diskrepanza bejn ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-parteeipazzjoni tal-industrija qiegħda tonqos, kemm jekk din titkejjel bħala sehem tal-finanzjament kif ukoll jekk titkejjel bħala numru ta' parteċipanti. Il-parteeipazzjoni tal-industrija naqset minn 39% fl-FP4 għal 31% fl-FP6 u bħalissa tammonta għal 25% biss fl-FP7. Għad hemm provi li n-negożji żgħar jaqtgħu qalbhom aktar malajr minħabba l-kumplessità tal-proċeduri u d-dewmien fil-kuntratti. Dan huwa l-każ anki jekk hija mistennija parteċipazzjoni akbar tal-industrija mill-Inizjattivi Konġunti ta' Teknoloġija li żviluppaw bil-mod.

Minkejja dan, l-FP7 tqies bħala programm li joħloq u jrawwem firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' networking bejn numru kbir ta' ċentri nazzjonali ta' riċerka, li joffri opportunitajiet għax-xjentisti u jissupplimenta l-finanzjament eżistenti bħal permezz tal-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji. Ir-rwol tiegħu ġie kkonfermat fit-trawwim tar-riċerka kollaborattiva b'dimensjoni internazzjonali b'saħħitha permezz tal-parteeipazzjoni ta' 169 pajjiż madwar id-dinja²². Kemm jekk jiġi ġġudikat skont in-numru ta' riċerkaturi involuti, kif ukoll skont il-firxa ġeografika

²¹ Evalwazzjoni tas-Sitt Programm ta' Qafas għall-Iżvilupp tar-Riċerka u għall-Iżvilupp Teknoloġiku 2002 – 2006: http://ec.europa.eu/research/reports/2009/pdf/fp6_evaluation_final_report_en.pdf

²² Evalwazzjoni Interim tas-Seba' Programm ta' Qafas: http://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/archive/other_reports_studies_and_documents/fp7_interim_evaluation_expert_group_report.pdf

tat-timijiet jew il-firxa ta' suġġetti koperti, l-evalwazzjoni tidentifika li l-FP7 għandu dimensjoni impressjonanti fil-wisgħa tagħha²³.

B'mod aktar speċifiku, l-Evalwazzjoni Interim tal-FP7 irraġunat ukoll li, minkejja li l-FP7 huwa definit bħala programm ta' riċerka u żvilupp prekompetittiv, huwa għandu xi komponenti ewlenin li fuqhom huma msejsa proċessi u kapaċitajiet ta' innovazzjoni li jikkontribwixxu għall-effiċjenza industrijali u tas-suq. Issir referenza għall-modi li bihom it-timijiet ta' riċerka minn pajjiżi differenti u minn madwar setturi differenti jikkollaboraw, u b'hekk tinħoloq karatteristika distintiva ta' sistemi dinamiċi ta' innovazzjoni. Dan jikkontribwixxi għall-osservazzjoni li parteċipanti mill-industrija, mir-riċerka u l-edukazzjoni għolja jiksbu grad għoli ta' kollaborazzjoni interdixxiplinari u orjentazzjoni lejn l-applikazzjoni²⁴.

L-evalwazzjonijiet jirrikonoxxu l-korrettezza tal-implimentazzjoni tal-FP, u jenfasizzaw li kien hemm titjib konsiderevoli fil-mod kif l-evalwazzjoni tal-FP ġiet organizzata f'dawn l-aħħar snin²⁵ u li, fuq livell proċedurali, is-sejthiet ġew żviluppati u pproċessati b'mod effettiv u li dawn il-proċeduri żguraw li l-fondi jiġu allokat b'mod raġonevolment rapidu u b'integrità²⁶.

Fl-istess ħin, iż-żewġ evalwazzjonijiet fuq il-livell tal-FP identifikaw ħtieġa qawwija għal aktar sforzi lejn is-simplifikazzjoni tal-FP, b'enfasi fuq id-diversi problemi relatati mal-kumplessità fil-funzjonament tiegħu. L-evalwazzjoni Ex-Post tal-FP6 tgħid li l-FP6 kompli jinvolvi livell ineffiċjenti ta' amministrazzjoni. L-esperti jindikaw il-fatt li dan il-piż huwa partikolarment qawwi għal parteċipanti ġodda – kemm jekk dawn huma SMEs, kif ukoll jekk huma riċerkaturi żgħażaġh jew parteċipanti mill-Istati Membri l-ġodda jew minn 'Pajjiżi Terzi'²⁷.

Sentejn wara, fl-2010, Il-Bord tal-Evalwazzjoni Interim tal-FP7 jenfasizza li bosta bidliet li ġew implimentati għall-FP7 ġew milqugħa bi pjaċir mill-komunità tar-riċerka u bla dubju kienu suċċessi, notevolment il-Faċilità tar-Reġistrazzjoni Unika (URF), l-għodda tas-sottomissjoni tal-EPSS u rekwiżiti tal-verifika inqas impenjattivi. Madankollu, l-esperti jqisu n-nuqqas ta' progress fuq bosta problemi magħrufa bħala diżappuntanti²⁸.

4.2.1. Programm ta' Koperazzjoni

Il-Programm ta' Koperazzjoni huwa wieħed mis-sorsi ewlenin ta' finanzjament pubbliku għall-kollaborazzjoni transkonfinali fl-UE, li jiżgura valur miżjud Ewropew. L-evalwazzjonijiet eżistenti jixħtu dawl fuq l-importanza tal-programm għall-

²³ Evalwazzjoni Interim tas-Seba' Programm ta' Qafas: http://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/archive/other_reports_studies_and_documents/fp7_interim_evaluation_expert_group_report.pdf

²⁴ Evalwazzjoni Interim tas-Seba' Programm ta' Qafas: http://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/archive/other_reports_studies_and_documents/fp7_interim_evaluation_expert_group_report.pdf

²⁵ FP6 Evalwazzjoni Ex-Post, p. vii

²⁶ FP7 Evalwazzjoni Interim, p. 7

²⁷ FP6 Evalwazzjoni Ex-Post, p. 36

²⁸ FP7 Evalwazzjoni Interim, p. 56-57

formazzjoni tan-networks madwar l-Ewropa. L-Evalwazzjoni Interim tal-FP7 tikkonkludi li l-proġetti kollaborattivi huma fil-qalba taż-Żona Ewropea ta' Riċerka u li l-FP7 qiegħed jelimina diskrepanzi importanti bejn l-attivitajiet nazzjonali ta' riċerka, u b'hekk jiżgura massa kritika u valur miżjud f'diversi oqsma. Ħafna mill-attivitajiet tal-FP7 huma identifikati bħala li aktarx ma kinux iseħħu mingħajr il-finanzjament fil-livell tal-UE²⁹.

Waħda mill-konklużjonijiet mill-korp ta' xogħol dwar in-networks tar-riċerka u l-formazzjoni tagħhom hija li l-FPs kienu strumentali biex jistimolaw kultura li dejjem qed tikber ta' qsim tal-għarfien. Skont studju wieħed, l-FP6 iffaċilita l-ħolqien taż-ŻER billi tejjeb l-integrazzjoni u l-koordinazzjoni tar-riċerka madwar l-Ewropa u wassal għal żieda fil-kompetittività. L-istudju jixħet dawl fuq bidla sinifikanti fl-attitudnijiet u l-imġiba fost bosta mill-parteċipanti tal-FP6 u, b'mod partikolari, attitudni aktar pożittiva lejn il-kondiviżjoni tal-għarfien u r-riċerka kollaborattiva internazzjonali³⁰.

Waħda mill-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tal-FP7 hija wkoll li l-valur miżjud ewlieni tar-riċerka kollaborattiva dwar is-saħħa fil-livell tal-UE jinkiseb mill-koperazzjoni tranżnazzjonali, l-integrazzjoni ta' attivitajiet u parteċipanti differenti fi proġetti differenti u l-konċentrazzjoni tal-isforz Ewropew fuq numru iżgħar ta' prijoritajiet li iżda huma aktar importanti. Hija tindika wkoll li r-riċerka dwar l-attivitajiet tat-trasport taħt l-FP7 tapplika approċċ aktar b'saħħtu kif ukoll usa' fl-indirizzar tal-isfidi, inkluż l-integrazzjoni ta' modi differenti ta' trasport, l-importanza tar-rwol tal-infrastruttura u x-xejriet tal-użu. Attivitajiet multimodali, li jikkombinaw forom differenti ta' trasport, bħal bit-triq, bil-ferrovija, bl-ajru u bil-baħar, huma kkonfermati bħala li għandhom valur miżjud Ewropew kbir għaliex programmi nazzjonali iktar rarament jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet. L-evalwazzjoni tal-FP7 turi wkoll li l-Programm ta' Koperazzjoni jiżviluppa l-potenzjal u l-kapaċità tal-Istati Membri ż-żgħar sabiex jieħdu sehem u jikkollaboraw.

4.2.2. *Il-Programm Ideat*

L-osservazzjonijiet tal-Evalwazzjoni Interim tal-FP7 tal-*Programm Ideat* ikkonkludew li l-prinċipju ta' eċċellenza fl-għażla tal-proġetti nkiseb sew, l-aktar billi r-riċerkaturi ewlenin qegħdin jiġu ffinanzjati, il-kwalità tal-proposti hija ġeneralment meqjusa bħala għolja u hemm kompetizzjoni qawwija għall-finanzjament. Inxteħet dawl fuq il-fatt li l-KER irnexxielu jattira u jiffinanzja riċerka ta' kwalità internazzjonali, u b'hekk għandu rwol importanti fit-trawwim tat-talent tar-riċerka fl-UE.

²⁹ Evalwazzjoni Interim tas-Seba' Programm ta' Qafas: http://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/archive/other_reports_studies_and_documents/fp7_interim_evaluation_expert_group_report.pdf

³⁰ NetPact: Effetti ta' strutturar tar-riċerka tal-Komunità. L-impatt tal-Programm ta' Qafas tal-RTD dwar il-formazzjoni tan-networks. Rapport finali lill-Kummissjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/archive/fp6-evidence-base/evaluation_studies_and_reports/evaluation_studies_and_reports_2009/structuring_effects_of_community_research_-_the_impact_of_the_framework_programme_for_rtd_on_network_formation.pdf#view=fit&page=none

Il-finanzjament ta' taħlita ta' proposti kompetittivi għal riċerka mmexxija mir-riċerkaturi huwa meqjus li ppermetta lill-KER sabiex jiffinanzja riċerka li hija kemm rilevanti għall-ħtiġijiet ta' politika tal-UE kif ukoll li għandha l-potenzjal sabiex tindirizza sfidi possibbli fil-ġejjieni. L-iskoperti minn proġetti ffinanzjati mill-KER ġew rikonoxxuti bħala “punt ta' referenza” u “avvanzi eċċezzjonali” mill-komunità ta' riċerka.

4.2.3. *Il-Programm Kapaċitajiet*

L-evidenza attwali turi li l-FP7 saħħaħ il-kapaċità għar-riċerka u l-għarfien ta' livell għoli fl-Ewropa billi sar il-ħajta li tgħaqqad għan-netwerking ta' aktar minn 500 infrastruttura nazzjonali tar-riċerka (RIs)³¹ f'diversi oqsma u pprovda edukazzjoni u taħriġ ta' livell għoli għar-riċerkaturi żgħażaġħ permezz ta' interazzjonijiet inkoraġġiti fil-qafas ta' RIs. Barra minn hekk, l-RIs appoġġjati mill-FP-7 tqiesu li jħallu impatt fuq il-kompetittività Ewropea bħala pjattaformi għall-esperimentazzjoni għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-kreattività u li jgħolqu opportunitajiet fis-'suq tar-riċerka' għall-industrija³².

5. KONKLUŻJONIJIET

Skont l-Artikolu 318 tat-TFUE, f'dan ir-rapport il-Kummissjoni ħadet l-impenn li tipprovdi ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati ewlenin tal-ħidma ta' evalwazzjoni riċenti li tiffoka fuq l-istadji differenti fl-iżvilupp ta' żewġ oqsma ewlenin ta' intervent finanzjarju tal-UE: Edukazzjoni u Kultura u Riċerka.

Ir-rapport jiffoka l-aktar fuq ir-riżultati u l-impatti meqjusa li nkisbu bħala riżultat tal-finanzjament tal-UE permezz tal-aktar evalwazzjonijiet riċenti u sostanzjali tal-programmi u l-azzjonijiet magħżula, xi drabi supplimentati minn referenza għal riżultati ta' evalwazzjonijiet preċedenti. Huwa jipprovdi ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati ewlenin tal-evalwazzjoni riċenti rilevanti għall-programmi magħżula meta mqabbla mar-rapporti u dokumenti oħrajn aktar dettaljati diġà disponibbli dwar elementi speċifiċi tal-programmi.

Ir-rapport ikopri l-oqsma tal-Edukazzjoni u l-Kultura u r-Riċerka, l-aktar fir-rigward tar-rabta mal-miri ewlenin u l-inizjattivi ewlenin tal-UE 2020, it-tagħrif disponibbli relatat mal-prestazzjoni u l-evalwazzjoni, u l-metodu tal-ġestjoni ċentralizzata. Ir-Rapport huwa bbażat fuq it-tagħrif dettaljat ipprovdut f'għadd ta' sorsi identifikati fit-test. Huwa jfittex li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-oġettivi tal-programmi li huma soġġetti għal finanzjament tal-Unjoni, u l-impatti u r-riżultati miksuba skont l-istadju milħuq fil-programm meta twettqu l-evalwazzjonijiet rilevanti.

³¹ Jekk jogħġbok innota li partijiet dwar l-Infrastrutturi tar-Riċerka fil-Programm Kapaċitajiet, l-infrastrutturi tar-riċerka bbażati fuq l-ICT (e-infrastructures), huma ġestiti mid-DĠ Informazzjoni u s-Soċjetà

³² Fotkis C. (2010) Evalwazzjoni Interim tal-FP7: Analiżijiet tal-inizjattivi ta' infrastrutturi ta' riċerka appoġġjati mill-FP7 fil-kuntest taż-Żona Ewropea għar-Riċerka, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/archive/fp7-evidence-base/experts_analysis/c.%20fotakis_-_research_infrastructure.pdf#view=fit&pagemode=none

Fir-rigward tal-qasam tal-Edukazzjoni u l-Kultura, ir-rapport juri li l-istrumenti finanzjarji implimentati, skont l-istadju ta' twettiq, juru rekord tajjeb f'termini ta' produzzjoni ta' riżultati tanġibbli u ta' kisba jew ta' probabbiltà ta' kisba ta' ħafna mill-oġettivi ta' dawk l-istrumenti. Barra minn hekk, ir-rapport jipprovdi diversi eżempji konkreti ta' valur miżjud iġġenerat permezz ta', fost affarijiet oħra, l-introduzzjoni ta' dimensjoni tranżnazzjonali, il-koperazzjoni transkonfinali u t-tixrid usa' tal-għarfien jew permezz tal-iġġenerar ta' effetti ta' ingranaġġ bħal pereżempju fil-każ tal-Programm Media 2007. Ir-rapport identifika wkoll oqsma fejn jista' jsir titjib, bħall-ħtieġa li jiġu definiti u ffokati aħjar l-oġettivi jew li titjieb il-ġestjoni, li t-tnejn huma kwistjonijiet li ġew rimedjati fil-programmi suċċessuri proposti.

Fil-qasam tar-Riċerka, ir-rapport jindika li l-Programmi ta' Qafas ipproduċew jew huma fil-proċess li jipproduċu l-eżiti mistennija. Il-Programmi ta' Qafas huma rikonoxxuti bħala mekkaniżmi b'saħħithom biex jistimulaw ir-riċerka li tista' titwettaq biss permezz ta' azzjoni fil-livell Ewropew. Huma rikonoxxuti wkoll għax jiġġeneraw valur miżjud Ewropew, żieda fil-kompetittività industrijali, esternalitajiet tan-network, u tisħiħ tal-infrastruttura tal-għarfien fl-Ewropa. L-FP7, b'mod ċar, qiegħed jagħti kontribuzzjoni sinifikanti għax-xjenza Ewropea u għall-iżvilupp taż-Żona Ewropea għar-Riċerka u għandu firxa vasta u impressjonanti. Bħala wieħed mill-oqsma għal titjib ulterjuri, ir-rapport jirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa għal sforzi ulterjuri rigward is-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-FP. Passi f'din id-direzzjoni ġew meħuda fit-tfassil tal-programmi l-ġodda ppreparati għall-qafas finanzjarju li jmiss, notevolment fil-proposti għall-programm Horizon 2020.

Billi jkopri kull sena numru limitat ta' programmi li għalihom l-evalwazzjonijiet relevanti saru disponibbli, dan ir-rapport se jkun kapaċi jkopri fit-terminu medju firxa wiesgħa ta' programmi finanzjarji taħt il-metodi differenti ta' ġestjoni.

L-evalwazzjonijiet imsemmija f'dan ir-rapport intużaw ukoll fit-tħejjija tal-proposti għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali l-ġdid li għandu jopera mill-2014 sal-2020. L-esperjenza bil-funzjonament tal-ħidma ta' evalwazzjoni tikkontribwixxi wkoll għat-tfassil ta' evalwazzjonijiet fil-ġejjieni bil-għan li jissaħħaħ il-proċess u jittejbu r-riżultati. Il-Kummissjoni sejra taħdem sabiex tiżgura li jkun hemm koordinazzjoni, skambju ta' informazzjoni u koerenza akbar kemm fi ħdan il-Kummissjoni kif ukoll mal-Istati Membri dwar l-ipprogrammar, l-organizzazzjoni u l-użu tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni fil-qafas finanzjarju li jmiss.

Fil-produzzjoni ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni qed tqajjem ukoll il-kwistjoni tal-funzjoni u ż-żmien ta' dan ir-rapport fir-rigward tar-rilaxx annwali tal-baġit, b'mod partikolari minħabba ż-żmien u t-tul li jvarjaw tal-perjodi koperti mill-ħidma ta' evalwazzjoni mwettqa meta mqabbla mal-enfasi annwali aktar speċifika tal-proċess tar-rilaxx tal-baġit.

Il-Kummissjoni qed teżamina ulterjorment kif tiżviluppa l-kontenut ta' dan ir-rapport, b'kunsiderazzjoni għall-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 318 TFUE, u l-interessi espressi mill-Parlament u l-Kunsill u hija lesta li tadattah fid-dawl tar-reazzjonijiet tagħhom għal dan ir-rapport.